



Brussell, 26 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8485/26

LIMITE

RELEX 546
CFSP/PESC 562

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1093 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1093
dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi
b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PEŠK) 2022/1093¹ li stabbiliet miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova.
- (2) Il-konsenja ta' ċertu tagħmir lill-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova qed tesperjenza dewmien u mhux ser titlesta qabel tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PEŠK) 2022/1093. Għaldaqstant, jenħtieġ li dak il-perjodu jiġi estiż bi 12-il xahar ulterjuri sat-12 ta' Diċembru 2027.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PEŠK) 2022/1093 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PEŠK) 2022/1093 tat-30 ta' Ġunju 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 176, 1.7.2022, p. 22, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1093/oj>).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/1093, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Id-durata tal-miżura ta' assistenza għandha tkun ta' 60 xahar mid-data tal-konklużjoni tal-ewwel kuntratt bejn l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza, li jaġixxi bħala uffiċjal tal-awtorizzazzjoni, u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 4(2) ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 32(2), il-punt (a), tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
